# Politika ta' Privatezza

Aħna, AM MANGION LTD, nagħtu każ il-privatezza tiegħek u rriduk tkun familjari ma' kif niġbru, nużaw, u niżvelaw l-informazzjoni. Din il-Politika ta' Privatezza tiddeskrivi l-prattiki tagħna fir-rigward tal-informazzjoni li aħna jew il-fornituri tas-servizz tagħna n/jiġbru permezz tal-websajt jew tal-applikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"Servizz") imħaddma u kkontrollati minna u li minnha inti qed taċċessa din il-Politika ta' Privatezza. Billi tipprovdi l-informazzjoni personali lilna jew billi tuża s-Servizz, inti tirrikonoxxi li qrajt u fhimt din il-Politika ta' Privatezza.

## Użu mill-minorenni

Is-Servizz mhux immirat għal individwi taħt l-età ta' 16-il sena, u aħna nitolbu li dawn l-individwi ma jipprovdux informazzjoni personali permezz tas-Servizz. Jekk it-tifel jew tifla tiegħek issottometta/issottomettiet Informazzjoni Personali u inti tixtieq titlob li tali Informazzjoni Personali titneħħa, jekk jogħġbok ikkuntattjana kif spjegat hawn taħt fis-sezzjoni "Ikkuntattjana".

## Ġbir ta' informazzjoni

Nistgħu nistaqsuk tissottometti informazzjoni personali meta tikkuntattjana permezz tat-telefown jew tal-email. Inti se tiġi infurmat x'informazzjoni hi meħtieġa u x'informazzjoni hija fakultattiva.
Aħna nistgħu ngħaqqdu l-informazzjoni li tissottometti inti ma' informazzjoni oħra li nkunu ġbarna mingħandek, kemm jekk online kif ukoll jekk offline. Aħna nistgħu wkoll ngħaqqduha ma' informazzjoni li nirċievu dwarek mingħand affiljati oħra ta' Johnson & Johnson.
Jekk tissottometti kwalunkwe informazzjoni personali relatata ma' individwu ieħor lilna, inti tirrappreżenta li inti għandek l-awtorità li tagħmel dan u li tippermettilna nużaw l-informazzjoni skont din il-Politika ta' Privatezza.

## Informazzjoni sensittiva

Sakemm aħna ma nitolbukx jew nistednukx speċifikament biex tagħmel mod ieħor, aħna nitolbuk li ma tibgħatilna u ma tiżvelalna l-ebda informazzjoni personali sensittiva (eż. numri tas-Sigurtà Soċjali, informazzjoni relatata ma' razza jew oriġini etnika, opinjonijiet politiċi, reliġjon jew twemmin filosofiku, is-saħħa jew kundizzjonijiet mediċi, il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali, l-isfond kriminali, jew sħubija fi trade union, jew data bijometrika jew ġenetika) fuq jew permezz tas-Servizz jew b'xi mod ieħor.

## Ġbir u użu ta' informazzjoni b'mod awtomatiku

Aħna u l-fornituri tas-servizz tagħna nistgħu niġbru ċerta informazzjoni b'mod awtomatiku waqt li inti tkun tinnaviga fis-Servizz.

Jekk jogħġbok aqra l-Politika tal-Cookies għal informazzjoni dettaljata dwar il-cookies li jintużaw fuq is-Servizz. Aħna nużaw biss il-cookies li huma neċessarji għall-funzjonament xieraq tas-Servizz u biex inżommu s-sigurtà tas-Servizz.

Aħna u l-fornituri tas-servizz tagħna nistgħu wkoll niġbru u nużaw informazzjoni b'mod awtomatiku b'dawn il-modi li ġejjin:

- **Permezz tal-brawżer tiegħek:** Ċerta informazzjoni tinġabar mill-biċċa l-kbira tal-brawżers, bħall-indirizz tal-Kontroll tal-Aċċess tal-Midja (Media Access Control - MAC) tiegħek, it-tip ta' komputer (Windows jew Mac), ir-riżoluzzjoni tal-iskrin, l-isem u l-verżjoni tas-sistema operattiva, u t-tip ta' brawżer tal-Internet, il-verżjoni u s-settings tal-lingwa. Nistgħu niġbru informazzjoni simili, bħat-tip u l-identifikatur tal-apparat tiegħek, jekk taċċessa s-Servizz permezz ta' apparat mobbli. Aħna nużaw din l-informazzjoni biex niżguraw li s-Servizz jiffunzjona kif suppost.
- **Indirizz IP:** L-indirizz IP tiegħek huwa numru li huwa assenjat awtomatikament lill-komputer tiegħek mill-Fornitur tas-Servizz tal-Internet tiegħek. L-indirizz IP jiġi identifikat u lloggjat awtomatikament fil-log fajls tas-server tagħna kull meta utent iżur is-Servizz, flimkien mal-ħin taż-żjara u l-paġni li jkun żar. Il-ġbir tal-indirizzi IP huwa prattika standard u jsir awtomatikament minn ħafna servizzi online. Aħna nużaw l-indirizzi IP għal skopijiet bħall-kalkolu tal-livelli tal-użu tas-Servizz, l-identifikazzjoni tal-problemi tas-server, u l-amministrazzjoni tas-Servizz. Nistgħu wkoll niksbu l-post approssimattiv tiegħek mill-indirizz IP tiegħek.

## Kif nużaw u niżvelaw l-informazzjoni

Aħna nużaw u niżvelaw l-informazzjoni li tipprovdilna inti kif deskritt lilek fil-punt tal-ġbir.
Fejn meħtieġ mil-liġi applikabbli, se niksbu l-kunsens tiegħek fil-punt tal-ġbir tal-informazzjoni biex nużaw l-informazzjoni personali tiegħek. Nistgħu wkoll nużaw l-informazzjoni mingħandek jew dwarek kif meħtieġ biex inwettqu kuntratt, biex nikkonformaw ma' obbligu legali (pereżempju, minħabba l-obbligi ta' farmakoviġilanza tagħna), jew għall-interessi leġittimi tan-negozju tagħna. Nistgħu wkoll niddependu fuq bażijiet legali oħra, speċifikament biex:

- **Nipprovdu l-funzjonalità tas-Servizz u nissodisfaw it-talbiet tiegħek.**
  - nipprovdulek il-funzjonalità tas-Servizz u s-servizz tal-klijenti relatat;
  - inwieġbu l-mistoqsijiet tiegħek u nissodisfaw it-talbiet tiegħek, bħal biex nibagħtulek id-dokumenti li titlob jew tfakkiriet bl-email;
  - nibagħtulek informazzjoni importanti rigward ir-relazzjoni tagħna miegħek jew rigward is-Servizz, il-bidliet fit-termini, fil-kundizzjonijiet, u fil-politiki u/jew informazzjoni amministrattiva oħra tagħna.

Aħna se ninvolvu ruħna f'dawn l-attivitajiet biex nimmaniġġjaw ir-relazzjoni kuntrattwali tagħna miegħek u/jew biex nikkonformaw ma' obbligu legali.

- **Nilħqu l-għanijiet tan-negozju tagħna.**
    - għall-analiżi tad-data, pereżempju, biex intejbu l-effiċjenza tas-Servizz;
    - għall-awditjar, biex nivverifikaw li l-proċessi interni tagħna jiffunzjonaw kif maħsub u li jkunu konformi mar-rekwiżiti legali, regolatorji jew kuntrattwali;
    - għal skopijiet ta' monitoraġġ ta' frodi u sigurtà, pereżempju, biex niskopru bi u nipprevjenu attakki ċibernetiċi jew tentattivi ta' serq tal-identità;
    - għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda;
    - għat-tisħiħ, it-titjib jew l-immodifikar tal-websajt jew tal-prodotti u s-servizzi tagħna;
    - għall-identifikazzjoni tax-xejriet fl-użu tas-Servizz, pereżempju, biex nifhmu liema partijiet tas-Servizz tagħna huma l-aktar ta' interess għall-utenti.

Se ninvolvu ruħna f'dawn l-attivitajiet biex nimmaniġġjaw ir-relazzjoni kuntrattwali tagħna miegħek, biex nikkonformaw ma' obbligu legali, u/jew għaliex għandna interess leġittimu.

Aħna niżvelaw ukoll l-informazzjoni miġbura permezz tas-Servizz:

- lill-affiljati tagħna għall-iskopijiet deskritti f'din il-Politika ta' Privatezza. Lista tal-affiljati tagħna hija disponibbli fuq https://johnsonandjohnson.gcs-web.com/financial-information/sec-filings (illlikkja fuq il-link għall-Formola 10K, Kampjun 21, taħt "SEC Filings"). AM MANGION LTD hija l-parti responsabbli għall-immaniġġjar tal-użu konġunt tal-Informazzjoni Personali;
- lill-fornituri terzi tas-servizz tagħna li jipprovdu servizzi bħall-hosting u l-moderazzjoni tal-websajt, il-hosting tal-applikazzjoni tal-mowbajl, l-analiżi tad-data, l-ipproċessar tal-pagamenti, it-twettiq tal-ordnijiet, il-provvista tal-infrastruttura, is-servizzi tat-teknoloġija tal-informatika, is-servizz tal-klijenti, l-email u s-servizzi tat-twassil ta' posta direttta, l-awditjar, u servizzi oħra, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi; u
- kif permess mil-liġi applikabbli, lil parti terza f'każ ta' kwalunkwe riorganizzazzjoni, fużjoni, bejgħ, impriża konġunta, assenjazzjoni, trasferiment, jew dispożizzjoni oħra tan-negozju, l-assi, jew l-istokk kollu tagħna jew xi parti minnhom (inkluż f'konnessjoni ma' kwalunkwe falliment jew proċedimenti simili).

Barra minn hekk, nistgħu nużaw u niżvelaw l-informazzjoni tiegħek skont kif nemmnu li huwa neċessarju jew xieraq: (a) li nikkonformaw mal-proċess legali jew mal-liġi applikabbli, li tista' tinkludi liġijiet barra l-pajjiż tar-residenza tiegħek; (b) kif permess mil-liġi applikabbli biex inwieġbu għal talbiet mill-pubbliku u l-awtoritajiet tal-gvern, li jistgħu jinkludu awtoritajiet barra l-pajjiż tar-residenza tiegħek; (c) biex ninforzaw it-termini u l-kundizzjonijiet; u (d) biex nipproteġu d-drittijiet, il-privatezza, is-sigurtà, jew il-proprjetà tagħna u/jew dik tal-affiljati tagħna, tiegħek, jew ta' oħrajn. Nistgħu wkoll nużaw u niżvelaw l-informazzjoni tiegħek f'modi oħra wara li niksbu l-kunsens tiegħek biex nagħmlu dan.

Nistgħu nużaw u niżvelaw l-informazzjoni li niġbru b'mod awtomatiku kif deskritt hawn fuq, taħt "Ġbir u Użu ta' Informazzjoni b'Mod Awtomatiku."

Barra dan, fejn huwa permess mil-liġi applikabbli, nistgħu nużaw u niżvelaw informazzjoni li mhijiex f'forma personalment identifikabbli għal kwalunkwe għan. Jekk ngħaqqdu informazzjoni li mhijiex f'forma personalment identifikabbli ma' informazzjoni li hija identifikabbli (bħal li ngħaqqdu ismek mal-post ġeografiku tiegħek), aħna se nittrattaw l-informazzjoni magħquda bħala informazzjoni personali sakemm iddum magħquda.

## Kif tista' taċċessa, tibdel jew tħassar l-informazzjoni personali tiegħek

Jekk tixtieq tirrevedi, tikkoreġi, taġġorna, tillimita, jew tħassar l-informazzjoni personali tiegħek, jew jekk tixtieq titlob kopja elettonika tal-informazzjoni personali tiegħek biex tittrażmettiha lil kumpanija oħra (sakemm dawn id-drittijiet ikunu pprovduti lilek mil-liġi applikabbli), jekk jogħġbok ikkuntattjana permezz ta' emailpermission@its.jnj.com. Aħna se nwieġbu t-talba tiegħek malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku u mhux aktar tard minn xahar wara li tasal. Jekk iċ-ċirkostanzi jikkawżaw kwalunkwe dewmien fit-tweġiba tagħna, inti se tiġi notifikat fil-pront u tiġi pprovduta data għat-tweġiba tagħna.

## Trasferiment transfruntier

L-informazzjoni personali tiegħek tista' tinħażen u tiġi pproċessata fi kwalunkwe pajjiż fejn għandna l-faċilitajiet jew il-fornituri tas-servizz, u billi tuża s-Servizz tagħna jew billi tipprovdilna l-kunsens (fejn meħtieġ mil-liġi), l-informazzjoni tiegħek tista' tiġi trasferita lejn pajjiżi barra l-pajjiż tar-residenza tiegħek, inklużi l-Istati Uniti, li jistgħu jipprovdu regoli ta' protezzjoni tad-data differenti minn dawk ta' pajjiżek. Madankollu, hemm fis-seħħ miżuri kuntrattwali xierqa u miżuri oħra biex jipproteġu l-informazzjoni personali meta tiġi trasferita lill-affiljati tagħna jew lil partijiet terzi f'pajjiżi oħra.
Xi pajjiżi li mhumiex fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea bħala pajjiżi li jipprovdu livell ta' protezzjoni tad-data adegwat skont l-istandards taż-ŻEE (il-lista sħiħa ta' dawn il-pajjiżi hija disponibbli hawn). Għal trasferimenti miż-ŻEE lejn pajjiżi li mhumiex meqjusa adegwati mill-Kummissjoni Ewropea, aħna żgurajna li jkun hemm miżuri adegwati fis-seħħ, inkluż billi aċċertajna li r-riċevitur ikun marbut bil-Klawżoli Kuntrattwali Standard tal-UE, biex nipproteġu l-Informazzjoni Personali tiegħek. Inti tista' tikseb kopja ta' dawn il-miżuri billi tikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tagħna skont is-sezzjoni "Ikkuntattjana" hawn taħt.

## Sigurtà

Aħna nfittxu li nużaw miżuri raġonevoli, organizzazzjonali, tekniċi u amministrattivi mfassla biex nipproteġu l-informazzjoni personali taħt il-kontroll tagħna. Sfortunatament, l-ebda trażmissjoni tad-data fuq l-Internet jew fuq is-sistema ta' ħażna tad-data ma tista' tkun garantita li hija sikura 100%. Jekk ikollok raġuni għal xiex temmen li l-interazzjoni tiegħek magħna m'għadhiex sikura (pereżempju, jekk tħoss li s-sigurtà ta' kwalunkwe kont li għandek magħna ġiet kompromessa), jekk jogħġbok avżana immedjatament skont kif hemm miktub fis-sezzjoni "Ikkuntattjana" hawn taħt.

## Perjodu taż-żamma

Aħna se nżommu l-informazzjoni personali sakemm ikun meħtieġ jew permess fid-dawl tal-għan(ijiet) li għalih(om) inkisbet. Il-kriterji użati biex jiddeterminaw il-perjodi taż-żamma tagħna jinkludu: (i) it-tul ta' żmien li fih ikollna relazzjoni miegħek u nipprovdulek is-Servizz; (ii) jekk hemmx obbligu legali li aħna suġġetti għalih; u (iii) jekk iż-żamma hijiex rakkomandabbli fid-dawl tal-pożizzjoni legali tagħna (bħal fir-rigward tal-istatus tal-limitazzjonijiet applikabbli, il-litigazzjoni, jew l-investigazzjonijiet regolatorji).
Jekk jogħġbok innota, madankollu, li din mhijiex lista eżawrjenti tal-perjodi taż-żamma. L-informazzjoni personali tiegħek tista' tiġi maħżuna għal perjodu itwal bl-użu tal-kriterji stipulati fl-ewwel paragrafu ta' din is-sezzjoni, speċjalment il-punti (ii) u (iii).

## Siti u servizzi ta' partijiet terzi

Dan is-Servizz jista' jkun fih links għal siti ta' partijiet terzi. Din il-Politika ta' Privatezza ma tindirizzax, u aħna m'aħniex responsabbli għall-privatezza, l-informazzjoni jew il-prattiki ta' kwalunkwe parti terza, inkluż kwalunkwe parti terza li tħaddem kwalunkwe sit jew servizz online (inkluż, mingħajr limitazzjoni, kwalunkwe applikazzjoni) li huma disponibbli permezz ta' dan is-Servizz jew li dan is-Servizz fih link għalihom.  Id-disponibbiltà ta' jew l-inklużjoni ta' link għal kwalunkwe sit jew proprjetà bħal dawn fuq is-Servizz ma timplikax l-approvazzjoni tagħhom minna jew mill-affiljati tagħna.

## Ikkuntattjana

AM MANGION LTD hija l-kumpanija responsabbli għall-ġbir, l-użu u l-iżvelar ta' informazzjoni personali skont din il-Politika ta' Privatezza.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar din il-Politika ta' Privatezza, jekk jogħġbok ikkuntattjana bl-email fuq emailpermission@its.jnj.com, jew jekk jogħġbok ibgħat ittra fl-indirizz li ġej:

**AM MANGION LTD**
AM MANGION LTD
Mangion Building, Triq Ġdida fi Triq Valletta
Ħal-Luqa LQA 6000
Malta

Inti tista' wkoll tikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data fuq emeaprivacy@its.jnj.com.

## Kif tressaq ilment quddiem ir-regolatur

Inti tista' tressaq ilment mal-awtorità superviżorja kompetenti tal-pajjiż jew reġjun tiegħek. Jekk jogħġbok ikklikkja hawn għall-informazzjoni ta' kuntatt ta' tali awtoritajiet.

## Aġġornamenti għal din il-politika ta' privatezza

Aħna nistgħu nibdlu din il-Politika ta' Privatezza.  Kwalunkwe tibdil għal din il-Politika ta' Privatezza se jkun effettiv minn meta nippostjaw il-Politika ta' Privatezza riveduta fuq is-Servizz.  L-użu tiegħek tas-Servizz wara dawn il-bidliet ifisser li inti taċċetta l-Politika ta' Privatezza riveduta.  Aħna nirrakkomandaw li inti ddur il-Politika ta' Privatezza regolarment meta żżur is-Servizz. Din il-politika ġiet aġġornata l-aħħar f'[id-data li fiha l-paġna tal-politika ta' privatezza tiġi aġġornata mal-produzzjoni].